MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 68

5 ta' Diċembru 2016

Minuti tal-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 68 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li permezz ta' imejl datat 5 ta' Diċembru 2016, għarraf illi ma jistax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill innota l-assenza tas-Sur Fenech.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 67, li saret fil-21 ta' Novembru 2016, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif emendati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu tal-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-*domes* tal-*bring-in site* fi Triq l-Etna tneħħew minn Green MT Ltd qabel l-1 ta' Dicembru 2016 u ġew trasferiti għal Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li t-tabelli bin-notifika dwar it-tneħħija tad-*domes* kienu twaħħlu fi Triq Qasam Barrani u fi Triq l-Etna.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Sejħa għall-istimi dwar l-Iddisinjar taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

2.2.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-*Planning and Priorities Coordination Division (PPCD),* ħabbret li d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet taħt il-*European Regional Development Fund - Priority Axis* 4 u 5, hija s-7 ta' April 2017.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Tisbiħ tat-taraġ ta' fuq fi Triq San Publiju (P/4/17)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.6. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*Contracts Manager* issottometta talba lill-Awtorità ta' l-Ippjanar fejn talab li ssir modifika fil-permess sabiex ir-rampi ta' fuq jinbidlu f'turġien, kif ukoll jiċkien il-pjan li kellu jiġi ma' Triq it-Tramuntana.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li tqiegħed il-pavimentar fil-pjanijiet tat-taraġ, filwaqt li ttieħdu l-qisien tal-puġġaman tal-ħadid u għandu jkun lest sal-21 ta' Jannar 2017. Għarraf ukoll li l-Environmental Landscapes Consortium Ltd ħawwlet il-pjanti fil-ħwat li saru, bħala parti mill-kuntratt dwar iż-żamma tal-ġonna.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Rimi ta' skart elettroniku (*WEEE*) (K/6/11)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-*trolley* għar-rimi ta' skart elettroniku (WEEE) tpoġġa fl-uffiċċju tal-Kunsill u qiegħed jintuża mill-pubbliku.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Tneħħija ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. fil-minuti tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-applikazzjoni tal-materjal li jippreveni l-iskiddjar tal-vetturi fi Triq il-Kbira, ser titkompla fid-9 ta' Diċembru 2016, kemm-il darba it-temp jippermetti.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)**

2.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 21.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-parteċipanti fil-kompetizzjoni jixtiequ jiltaqgħu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-premjijiet li jingħataw lir-rebbieħa.

2.6.3. Is-Sindku qal li għandha tiġi ffissata data sabiex issir il-laqgħa mitluba.

**2.7.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2016 (A/5/3/7)**

**2.7.2.** Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li jinġiebu blokki tal-konkos bil-għan li jintramaw arbli bil-*fairy lights* magħhom. Is-Sur C. Bartolo fakkar li ser ikun hemm palk wieħed bit-tinda li jintrama mal-ħajt tal-Bitħa tas-Santwarju. Ippropona wkoll li jkun hemm *zip line* mtellgħa mill-Mellieħa Scout Group bejn it-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar u l-Bitħa tas-Santwarju.

**2.7.3.** Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**2.8.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.3. tas-seduta ta' qabel u qal li l-ftehim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad ġie ffirmat kemm min-naħa tal-Kunsill, kif ukoll minn ta' Din l-Art Ħelwa. Tal-aħħar ipproponew li tingħata konferenza stampa fuq il-post fl-14 ta' Jannar 2017 fl-10.00am, u jitqassam *handout* għall-ġurnalisti li jattendu.

2.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ttieħdet nota ta' dan l-appuntament.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 03/12/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 19/11/16 – 03/12/16;
- Abbozz tar-Regolamenti tal-Konkors Innu tal-Mellieħa;

- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2017;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Użu tal-bandiera bl-istemma tal-Kunsill (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Ottubru 2016 mibgħut mill-Mellieħa Scout Group fejn talbu bandiera bl-istemma tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jużawha waqt l-attivitajiet tagħhom.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.2.1. Xogħol fil-komunità (A/8/2)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' Novembru 2016 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Probation u Parole, fejn qed joffru 150 siegħa ta' xogħol skont sentenza mogħtija mill-Qorti. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li kemm-il darba jaċċetta, jeħtieġ li jiġi ffirmat ftehim flimkien mal-*probation officer* u l-persuna konċernata.

4.2.3. Il-Kunsill aċċetta l-proposta.

### 4.3.1. Skema Tagħlim Tul il-Ħajja (E/3/1/5/Vol II

4.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 30 ta' Novembru 2016, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li kienet approvata għotja ta' €979 sabiex jinxtraw *whiteboard*, siġġijiet u kompjuter b'rabta mal-korsijiet imsemmija. Hija qalet li din l-iskema kienet tħabbret mid-Dipartiment permezz ta' Memo 4/2016.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta'Diċembru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-19 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Sejħa għall-Istimi MLC 5/2016 – Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

7.2. Ġie spjegat li s-sejħa msemmija hawn fuq kienet tirrikjedi l-għoti ta' stima għal 80 vjaġġ b'vettura normali, filwaqt li ntalbet rata apparti, bl-użu ta' minibus bit-*tail lift*. L-istimi kienu kif jidher hawn taħt:

| | 80 vjaġġ permezz ta' *Minibus* Normali | Rata għal kull vjaġġ ta' *Minibus* Normali | Rata għal kull vjaġġ ta' *Minibus* bit-*Tail Lift* |
|---|---|---|---|
| Paramount Garages Ltd | €2,920 | €36.50 | €80.00 |
| Swallow Ltd | €4,800 | €60.00 | €60.00 |

7.3. Filwaqt li ż-żewġ sottomissjonijiet li saru kienu konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa, il-Kunsill qabel li l-*purchase order* għandha tinħareġ lill-Paramount Garages Ltd billi l-offerta finanzjarja tagħhom kienet l-inqas waħda.

7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna wkoll li l-offerta finanzjarja ta' Swallow Ltd taqbeż il-limitu permess mir-Regolamenti Finanzjarji illi jsir akkwist permezz ta' sejħa għall-istimi.

7.5. Fid-dawl tal-minuti 7.3. u 7.4., is-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi ntalab sabiex jiffinalizza l-proċess fl-*e-PPS*.

## 8.1. Regolamenti – Konkors Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

8.2. Is-Sindku għarraf li fit-28 ta' Novembru 2016, is-sotto-Kumitat Innu tal-Mellieħa reġa' ltaqa' biex jiddiskuti abbożż tar-regolamenti mressaq mis-Segretarju, liema regolamenti kienu imsejjsa fuq punti li tqajmu fid-diskussjonijiet preċedenti u oħrajn imdaħħla għall-ewwel darba. Kopja tal-istess abbozz ġiet mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

8.3. Ir-regolamenti applikabbli għall-awturi u l-kompożituri, kif ukoll dawk proċedurali ġew moqrija u ġew emendati skont id-dokument mehmuż ma' dawn il-minuti.

8.4. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu spjegati r-regolamenti tal-konkors għal dawk li huma nteressati jieħdu sehem. Il-laqgħa ġiet iffissata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2017 fis-7.00pm fis-Sala tal-Kunsill. Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf b'din l-intenzjoni permezz ta' avviżi fil-ġurnali ewlenin, is-sit elettroniku u l-media soċjali.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Estimi Finanzjarji 2017 (F/1/28)

9.2. Billi kien sar ħafna ħin, ġie deċiż li dan is-suġġett għandu jitħalla għad-diskussjoni fil-kontinwazzjoni tas-seduta.

## 10.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta Nru. 66 tal-1 ta' Novembru 2016. Huwa għarraf li l-kelliema mill-MCESD u mill-GRTU ikkonfermaw li ser jipparteċipaw fil-konferenza.

10.3. Is-Sindku J. Buttigieg qal li d-delegazzjoni minn Stara Pazova ma kienitx ser tattendi minħabba npenn ieħor.

10.4. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li s-Seabank Group offra li jagħmel tajjeb għall-ikel b'rabta mal-bibità li għandha ssir fl-attività li fiha ser tingħata merħba lid-delegati tal-konferenza, liema attività ser issir fit-8 ta' Diċembru 2016 fil-knisja tal-Manikata. Huwa qal li s-servizz tal-*waiters* u x-xorb irid jiġi pprovdut mill-Kunsill.

10.5. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment skont il-minuta 10.4.

## 11.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)

11.2. Is-Sindku għarraf li ġie avviċinat mis-Sur Tony Muscat, il-President tal-Malta Sailing Federation, li għarrfu illi ser tiġi organizzata s-16-il edizzjoni tal-*Euromed International Sailing Championships* illi ser isseħħ fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' bejn 500 u 700 kompetitur minn għoxrin pajjiż differenti. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €300.

## 12.1. Għotja ta' siġar (A/3/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li l-kumpanija Twenty13 Productions Ltd ta' 29, Triq il-Mekkanika, Imrieħel għaddiet kupun lill-Kunsill sabiex jingħataw b'kemm jiswew €300 siġar indiġini mill-mixtla tan-Nature Trust (Malta). Din ingħatat bħala rikonoxximent għal iffilmjar li sar fil-lokalità matul ix-

xahar ta' Novembru 2016. Is-Sur J. Buttigieg qal li t-tħawwil tas-siġar jista' jsir fil-Park tal-Familja, jew fil-ġnien tal-Iskola Primarja.

12.3. Il-Kunsill approva t-tħawwil fil-postijiet indikati fil-minuta preċedenti.

**13.1. Ħsara fil-Pont tal-Mistra (H/1/1)**

13.2. Is-Sindku aċċenna għall-istat tal-pont tal-Mistra li huwa evidenti bid-diżlivell li żviluppa fil-wiċċ tat-tarmak. Huwa ġibed l-attenzjoni dwar dan taċ-*Chief Officer* tar-*Road and Infrastructure Directorate* ta' Transport Malta permezz ta' imejl datat 26 ta' Novembru 2016. B'riżultat ta' dan saret spezzjoni fuq il-post u jidher li hemm xi siġar li qed jikkawżaw il-ħsara.

13.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**14.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)**

14.2. Is-Sindku għamel referenza għan nomina li tressqet tal-Kunsill dwar l-*awards* imsemmija hawn fuq. Huwa qal illi f'serata li saret fil-lukanda Excelsior fil-Floriana fit-3 ta' Diċembru 2016. il-Kunsill tal-Mellieħa ngħata l-ewwel post minn fost tmien kunsilli oħra. L-għażla saret fuq erba' kriterji, ossija:

- Attivitajiet sportivi fil-lokalità bl-involviment tat-tfal (*penalty shootout*);
- Organizzazzjoni ta' korsijiet dwar l-isports u l-edukazzjoni fiżika (korsijiet tal-*aerobics* u zumba; parteċipazzjoni fis-*Summer on the Move; Move the Nation)*;
- Koperazzjoni mal-għaqdiet sportivi (Sparatura Jum il-Kunsill; Mellieħa Snooker Tournament; *Euromed International Sailing Championships;* 10K Road Race; Mdina Grand Prix; *Offroading* u *Drifting*; u Onorefiċenzi mogħtija mill-Kunsill lill-persuni nvoluti fl-isports); u
- Faċilitajiet sportivi ġodda u żamma ta' oħrajn eżistenti (*open air gym*, korsa tal-atletika).

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

L-ewwel parti tas-seduta spiċċat fid-9.30pm u kien hemm qbil li għandha titkompla nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**